

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għalih biex fil-qadi tal-missjoni tiegħu jibqa' viċin tal-merħla fdata f'idejh, bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.

**Qari**: *Omelija ta' Papa Franġisku fis-solennità tal-appostli mqaddsa Pietru u Pawlu nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju 2020*

...il-Knisja, li kienet għadha kemm twieldet, kienet għaddejja minn żmien iebes: Erodi kien inkurlat, il-persekuzzjoni kienet vjolenti, l-Appostlu Ġakbu kien ġie maqtul. U issa anki Pietru ġie arrestat. Il-komunità donnha kienet se tisfa mkissra, kulħadd kien fir-riskju li jitlef ħajtu. Imma f'dan il-mument traġiku ħadd ma ħarab, ħadd ma ħaseb kif ħa jsalva ġildu, ħadd ma abbanduna lill-oħrajn, imma lkoll kienu *jitlobu flimkien*. Fit-talb kienu jsibu l-kuraġġ, mit-talb kienet ġejja għaqda iktar b'saħħitha minn kull theddida. It-test jgħid li "Pietru kien arrestat fil-ħabs, bil-għassa miegħu. Fl-istess ħin, il-Knisja kienet qiegħda titlob 'l Alla għalih bil-ħeġġa" (Atti 12:5). L-għaqda hija prinċipju li jitwettaq bit-talb, għax it-talb iħalli lill-Ispirtu s-Santu jidħol, jiftaħ għat-tama, iqassar id-distanzi, iżommna flimkien imqar qalb id-diffikultajiet.

Mulej, illum nibdew it-talb tagħna bis-salm tas-sultan David,
għax bħalu aħna npoġġu t-tama tagħna kollha fik.
*Mulej Alla tiegħi, ilqa' l-għajta tiegħi!*
*Agħti widen għat-talb tiegħi,*
*insejjaħlek għax int tweġibni.* (Salm 17:1, 6)
*Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!*

*Il-Mulej blata tiegħi, fortizza u ħellies tiegħi,*
*Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi,*
*qawwa tas-salvazzjoni tiegħi u kenn tiegħi!*
*Insejjaħ lill-Mulej, li hu ta' min ifaħħru*
*u nkun meħlus mill-għedewwa tiegħi.* (Salm 18: 2-4)

Mulej, inġbarna quddiemek sabiex ningħaqdu flimkien
u nitolbu għall-Papa biex fil-qadi tal-missjoni tiegħu
jibqa' viċin tal-merħla fdata f'idejh, bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.

Mulej, inti lil Pietru għidtlu: "Inti Pietru, u fuq din il-blata
jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex.
Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet,
u kulma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet,
u kulma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet." (Matt 16:18-19)
Żgur li ma kinitx ħaġa faċli għal Pietru biex jirgħa l-merħla tiegħek.
U żgur li l-ewwel insara ffaċċjaw diffikultajiet kbar.
Iżda, kif qal il-Papa Franġisku, huma ma kinux jaqtgħu qalbhom,
anzi "lkoll kienu *jitlobu flimkien.*
Fit-talb kienu jsibu l-kuraġġ, mit-talb kienet ġejja
għaqda iktar b'saħħitha minn kull theddida".
Mulej, illum il-Knisja wkoll qed tiffaċċja sfidi kbar
u żgur mhix faċli għal Papa Franġisku biex imexxi l-Knisja tiegħek.
Anzi hu stess, waqt iż-żjara li għamel dan l-aħħar f'Marsilja,
fl-aħħar quddiesa qabel spiċċa, qal lin-nies:
"Itolbu għalija. Dan ix-xogħol mhux faċli."
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex
inti tieqaf mal-Papa Franġisku,
ħalli hu jibqa' miexi fit-triq tal-qdusija matul ħajtu kollha.
Nitolbuk ukoll, Mulej, sabiex tagħtih il-qawwa
li jibqa' jisma' leħnek fil-ħajja tiegħu ta' kuljum,
sabiex b'hekk ikollu l-kuraġġ biex hu jkun
xhieda ħajja tal-kelma tiegħek u biex ikompli jikber fil-fidi
u jippersevera fl-għażla tiegħu li jpoġġi ħajtu
f'idejk għas-servizz tal-merħla tiegħek.
Fuq kollox, nitolbuk Mulej sabiex
tqawwih u timlieh bl-Ispirtu tiegħek
meta jkun għaddej minn mumenti diffiċli, kif ukoll
f'mumenti ta' skuraġġiment, ta' għejja u ta' solitudni.

**KANT**

**Qari:** *Omelija ta’ Papa Franġisku fis-solennità tal-appostli mqaddsa Pietru u Pawlu nhar it-Tnejn 29 ta’ Ġunju 2020*

Dawk l-Insara ma kinux joqogħdu jfittxu lil min ħa jagħtu t-tort, imma kienu jitolbu. F’dik il-komunità ħadd ma qal: “Kieku Pietru kien iżjed kawt, ma konniex insibu ruħna f’din is-sitwazzjoni”. Ħadd. Pietru, umanament, kellu għaliex jiġi kkritikat, imma ħadd ma kkritikah. Ħadd ma tkellem ħażin fuqu, imma kienu jitolbu għalih. Ma kinux jitkellmu minn wara dahar Pietru, imma kienu jitkellmu ma’ Alla. U aħna llum nistgħu nistaqsu lilna nfusna: “Qed inħarsu l-għaqda ta’ bejnietna billi nitolbu għall-għaqda tagħna fil-Knisja? Qed nitolbu għal xulxin?” X'jiġri li kieku kellna nitolbu aktar u nilmentaw inqas, kieku kellna Isien aktar kawt? Jiġri dak li ġara lil Pietru fil-ħabs: bħal dakinhar, tant bibien jibdew jinfetħu, tant ktajjen li jorbtuna jibdew jinħallu. U aħna nibqgħu mistagħġba, bħal dik il-qaddejja li, malli lemħet lil Pietru fir-rixtellu, ma marritx tiftaħ, imma telqet tiġri ġewwa, mistagħġba bil-ferħ għax rat lil Pietru (Atti 12:10-17). Nitolbu l-grazzja li nagħrfu nitolbu għal xulxin. San Pawl sejjaħ lill-Insara biex jitolbu għal kulħadd u qabelxejn għal min imexxihom (1 Tim 2:1-3).

Mulej, nitolbuk sabiex timliena bid-dehen
ħalli nfittxu l-għaqda ta’ bejnietna permezz tat-talb.
Agħtina l-grazzja li nkunu dejjem lesti li nitolbu għal xulxin
u wisq iżjed għall-mexxej tal-Knisja Kattolika, il-Papa Franġisku.
Nitolbu fuq kollox sabiex inħallu lill-Ispirtu s-Santu
jġedded il-Knisja bit-tama, jimlieha bil-ferħ,
u jġegħelha tiffjorixxi b'ħajja ġdida.
Għallimna biex nafdaw fik u nemmnu tassew
li int tħobb il-Knisja tiegħek
u għalhekk qatt mhu se twarrabha.
Għinna nifhmu dak li qal tajjeb il-Papa Franġisku, jiġifieri li
"dawk li jgħixu bl-Ispirtu ... isibu ruħhom miġbuda
kemm lejn Alla kif ukoll lejn id-dinja".
Mulej, il-Papa Franġisku fil-qadi tal-missjoni tiegħu
dejjem jipprova jibqa’ viċin tal-merħla fdata f’idejh.

Nitolbuk sabiex bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu,
hu jibqa' jgħallimna u jurina kif inkunu tassew
viċin il-batut, l-imwarrab, il-marid u l-fqir.
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex timla bid-dehen
lil Papa Franġisku sabiex jgħinna nifhmu dak li qal, li:
"Din hi l-Knisja, l-għarusa vera ta' Kristu,
li tfittex li tkun fidila għall-Għarus tagħha u għat-tagħlim tiegħu.
Hi l-Knisja li ma tibżax tiekol u tixrob mal-prostituti u l-pubblikani (Lq 15).
Il-Knisja li għandha l-bibien tagħha miftuħa beraħ
biex tilqa' lil dawk fil-bżonn, il-midinbin li nidmu,
u mhux biss il-ġusti jew dawk li jaħsbu li huma perfetti!"
Nitolbuk Mulej, biex tagħti lill-Papa Franġisku l-grazzja
li jħoss dejjem id-dawl u l-wens tiegħek fil-missjoni tiegħu.
Agħmel li l-Ispirtu s-Santu jimlieh bl-għerf u bil-kuraġġ
biex ikun għalina lkoll messaġġier ta' mħabba, ta' paċi u ta' għaqda,
u sabiex imexxi l-Knisja biex tkun Knisja ta' qima
u Knisja ta' servizz li,kif qal hu stess,
taħsel saqajn l-umanità midruba,
takkumpanja lil dawk li huma fraġli, dgħajfa u mwarrba,
u toħroġ bi mħabba biex tiltaqa' mal-foqra.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nitolbuk sabiex tagħti qawwa lil Papa Franġisku sabiex ikompli jaqdi l-missjoni tiegħu, li jibni Knisja li toffri servizz, taħsel saqajn l-umanità midruba, takkumpanja lil dawk li huma fraġli, dgħajfa u mwarrba, toħroġ bi mħabba biex tiltaqa' mal-foqra.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, agħti d-dehen lil Papa Franġisku biex jobdi l-kmand tiegħek biex jagħmel dixxipli mill-ġnus kollha, biex b'hekk huma jkunu jistgħu jagħrfuk bħala s-Salvatur tagħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu għal Papa Franġisku, li serviek bħala Ġiżwita, saċerdot, Arċisqof, Kardinal u issa bħala Papa. Fuq kollox, huwa serva lilek bħala Nisrani fidil, billi jaqsam l-imħabba, il-ħniena u l-kompassjoni li Ibnek wera ma' dawk kollha li ltaqa' magħhom, speċjalment dawk li kienu foqra jew li kienu qed jitħabtu. Agħtih l-għajnuna kollha li għandu bżonn biex imexxi l-merħla tiegħek u jwassalhom għal għandek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, inti ħtart lil Papa Franġisku bħala r-ragħaj tal-merħla tiegħek. Nitolbuk sabiex hu, permezz ta' kliemu u tal-eżempju tiegħu, ikompli jressaq in-nies fi ħdanek u biex ikun ta' servizz lejn dawk li, permezz ta' kliemhom u permezz tal-azzjoni, jaslu għal għandek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.